



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0219/2012

27.6.2012

RAPPORT

L-evoluzzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE: Prassi attwali u prospettivi futuri, b'mod partikolari fil-Mediterran (2011/2179(INI))

Komitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: François Alfonsi

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN	19
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	22
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	26

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

L-evoluzzjoni tal-istrategġija makroreġjonali tal-UE: Prassi attwali u prospettivi futuri, b'mod partikolari fil-Mediterran (2011/2179(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Programm Operazzjonali MED 2007-2013 adottat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2007,
- wara li kkunsidra l-Programm ENPI ta' kooperazzjoni transkonfinali "Baċir Marittimu tal-Mediterran" 2007-2013, adottat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Awwissu 2008,
- wara li kkunsidra l-Pjan Strateġiku tal-Arco Latino 2010-2015 "Mediterran Strutturati u innovattivi",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar l-Istrategġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni¹,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010 dwar l-istrategġija Ewropea għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni muntanjużi, tal-gżejjer u ta' żoni li fihom ma tantx jgħixu nies²,
- wara li kkunsidra l-ħames rapport tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2010 dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: Il-futur tal-politika tal-koeżjoni (Il-ħames rapport dwar il-koeżjoni) (COM(2010)0642),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 dwar l-istrategġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju (COM(2010)0715) u l-pjan ta' azzjoni indikattiv li jakkompanja l-istrategġija (SEC(2009)0712/2),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġija tal-Unjoni għar-reġjun tad-Danubju³,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-ARLEM tad-29 ta' Jannar 2011 dwar id-dimensjoni territorjali tal-Unjoni għall-Mediterran – rakkomandazzjonijiet għall-ġejjieni,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2011 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat – Id-Dimensjoni tan-Nofsinhar⁴,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2011 lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Komitati Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Komitati tar-Reġjuni

¹ ĠU C 351E 2.12.2011, p. 1.

² Testi adottati, P7_TA(2010)0341.

³ Testi adottati, P7_TA(2011)0065.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2011)0154.

dwar l-applikazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (COM(2011)0381),

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar l-għan 3: sfida għall-kooperazzjoni territorjali – l-aġenda futura tal-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali¹,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011 li japprovaw l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju u li jistiednu lill-Istati Membri biex ikomplu x-xogħolijiet, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, dwar strateġiji makroreġjonali futuri possibbli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna r-reġjun tal-Adriyatiku u l-Jonju,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Ottubru 2011 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' "Kooperazzjoni territorjali Ewropea" (COM(2011)0611),
- wara li kkunsidra l-opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar kooperazzjoni territorjali fil-baċir tal-Mediterran permezz tal-makroreġjun tal-Adriyatiku u l-Jonju, adottata b'mod unanimu fis-sessjoni plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-11 ta' Ottubru 2011,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali mill-president tal-Forum Interistituzzjonali li saret f'Katanja fl-10 ta' Diċembru 2011 dwar 'Uċuħ familjari u uċuħ ġodda f'Mediterran li dejjem jevolvi: ir-rwol tal-poplu, ir-reġjuni u l-korpi lokali, il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet sopranazzjonali fi strateġija ta' għaqda intrinsika',
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat²,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2012 dwar it-twaqqif tal-Patt tal-Gżejjer bħala inizjattiva Ewropea uffiċjali³, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2012 lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (COM(2012)0128),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Belgrad, approvata waqt l-14-il laqgħa tal-Kunsill Adriyatiku u Jonju fit-30 ta' April 2012,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata 'Niżviluppaw Strateġija Marittima għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku' (COM(2009)0782),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0285.

² Testi adottati, P7_TA(2011)0576.

³ Testi adottati, P7_TA(2012)0016.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin kif ukoll il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0219/2012),
- A. billi l-istrateġija makroreġjonali għall-Baħar Baltiku ġiet validata fl-2009 u li l-Kummissjoni (ir-rapport tat-22 ta' Ġunju 2011 – COM(2011)0381) enfasizza 'il-valur ta' [dan] il-metodu ġdid ta' kooperazzjoni';
- B. billi fit-13 ta' April 2011¹ il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni 'biex tiegħu rwol ta' tmexxija fil-koordinazzjoni strateġika' tal-istrateġija makro-reġjonali għad-Danubju;
- C. billi l-istrateġija makro-reġjonali timmira li tiftaħ qasam ġdid għall-politika tal-koeżjoni fl-Ewropa, bil-għan ta' żvilupp fuq bażi territorjali;
- D. billi l-linja tal-baġit 'assistenza teknika favur il-Baħar Baltiku' vvutata fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew matul l-adozzjoni tal-baġit 2011 tal-Unjoni wriet l-interess ta' tali krediti għall-iżvilupp tajjeb ta' strateġija makroreġjonali;
- E. billi l-Kummissjoni qed tipproponi li l-fergħa transnazzjonali tal-politika ta' kooperazzjoni territorjali għandha tittejjeb biex tappoġġa politiki makroreġjonali ulterjuri²;
- F. billi diversi proġetti makro-reġjonali waslu fi stadju avvanzat, u billi l-Kummissjoni, fil-kapaċità tagħha bħala koordinatur, għandha tgħin l-istabbiliment ta' governanza sostenibbli u tal-kriterji komuni u ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu biex tkun valutata r-rilevanza tagħhom;
- G. billi l-Mediterran kellu rwol ġeopolitiku ewlieni fl-istorja tal-Ewropa;
- H. billi r-'Rebbiegħa Għarbija' enfasizzat il-potenzjal strateġiku tar-rabtiet ġeografiċi, politiċi u ekonomiċi bejn iż-żewġ naħat tal-Mediterran;
- I. jinnota s-suċċess tal-kooperazzjoni fil-qafas tal-Proċess ta' Barċellona u l-Unjoni għall-Mediterran u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni multilaterali u bilaterali meħuda taħt strumenti tal-UE u programmi bħall-MED u l-ENPI fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
- J. jinnota l-iżvilupp attwali tal-Unjoni għall-Mediterran u minħabba li l-potenzjal tagħha bħala katalista tar-reġjun se jikber;
- K. billi strateġija makroreġjonali tippermetti li jiġi definit proġett ġenerali f'dan l-ispazju essenzjali għall-futur tal-Unjoni, sabiex din toħroġ mill-kriżi attwali u tirrispondi għall-aspettattivi tal-viċinat kollu tagħha, partikolarment dawk tal-popli tan-Nofsinhar;
- L. billi l-ispazju tal-Mediterran huwa wieħed koerenti, li jiffirma baċir wieħed kulturali u ambjentali u li jikkondividi karatteristiċi u prijoritajiet komuni numerużi minħabba 'l-klima Mediterranja': l-istess għelejjel, riżorsi tal-enerġija rinnovabbli abbundanti, b'mod partikolari l-enerġija solari, l-importanza tat-turiżmu, l-istess riskji fir-rigward ta'

¹ 8743/1/11 REV 1.

² COM(2010)0642.

katastrofi naturali (nirien, għargħar, terremoti, nuqqas fir-riżorsa tal-ilma), u l-istess riskji fir-rigward tal-attività umana, b' mod partikolari t-tniġġis tal-baħar;

- M. billi l-Mediterran huwa żona vasta ħafna li tifrex mil-Lvant għall-Punent fuq madwar 4,000 km, b' diversi gżejjer u b' territorji li għandhom fruntieri marittimi u tal-art mat-Tramuntana tal-Afrika, u billi li jaqbel li ssir promozzjoni ta' netwerk vast ta' rotot fuq il-baħar li jippermettu l-iżvilupp tal-iskambji filwaqt li jnaqqas l-impatt tas-CO₂ tagħhom;
- N. billi, minkejja l-Artikolu 174 tat-TFUE, l-istituzzjonijiet Ewropej għadhom ma adottawx strateġija permanenti li tqis il-bżonnijiet speċifiċi tal-gżejjer, u billi l-aċċessibilità sħiħa tar-reġjuni insulari tal-Mediterran u l-integrazzjoni aqwa tagħhom fis-suq uniku Ewropew jistgħu ikunu ggarantiti bl-aħjar mod permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi xierqa u l-adozzjoni ta' approċċ integrat fir-rigward tal-kwistjoni tal-insularità, filwaqt li jkunu rikonoxxuti l-iżvantaġġ strutturali li jiffaċċjaw il-popolazzjonijiet tal-gżejjer fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija;
- O. billi l-proposta ta' strateġija makroreġjonali tal-Adrijatiku-Jonju miexja 'l quddiem, u qed tissawwar fil-kuntest ta' kooperazzjoni u solidarjetà li ilha għaddejja f'territorju kontigwi madwar il-baħar Adrijatiku u Jonju, u appoġġjat mit-tmien Istituti parteċipanti tal-Inizjattiva tal-Adrijatiku-Jonju (AII), kif jidher ripetutamente fid-dikjarazzjonijiet magħmula mit-tmien ministri tal-affarijiet barranin li ffirmaw l-Inizjattiva f' Ancona (2010), Brussell (2011) u Belgrad (2012);
- P. billi kien hemm laqgħat ma' diversi reġjuni involuti, mal-Unjoni għall-Mediterran u mad-diversi korpi involuti fil-politika ta' kooperazzjoni territorjali tal-Ewropea Unjoni, bħala parti mill-proċess ta' abbozzar ta' dan ir-rapport;

Dwar l-istrateġiji makroreġjonali b' mod ġenerali

1. Japprova l-approċċ makroreġjonali għall-politiki ta' kooperazzjoni territorjali bejn territorji li jappartjenu għal żona ta' servizzi u ħidma: żona marittima, medda ta' muntanji jew baċir ta' xmara; jemmen li l-istrateġiji makroreġjonali fetħu kapitlu ġdid fil-kooperazzjoni territorjali Ewropea billi applikaw approċċ minn isfel għal fuq u firxu l-kooperazzjoni għal aktar u aktar oqsma permezz ta' użu aħjar tar-riżorsi disponibbli; jirrakkomanda li, fid-dawl tal-valur miżjud Ewropew ċar tagħhom, l-istrateġiji makroreġjonali għandhom jirċievu aktar attenzjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, li se tissaħħaħ mill-2013;
2. Iqis li dan it-tip ta' strateġija ta' kooperazzjoni territorjali jista' jkun utli partikolarment meta dawn it-territorji kienu mifruda storikament permezz ta' fruntieri, u jista' jsaħħaħ l-integrazzjoni ta' Stati Membri ġodda u r-reġjuni tagħhom;
3. Iqis li l-vista globali li tipprovdi strateġija makro-reġjonali tagħmel il-proġetti ta' kooperazzjoni territorjali u l-REKT aktar ta' benefiċċju, u li b'hekk ser jissaħħu s-sinerġiji mal-istrateġiji ewlenin tal-UE bħan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport jew il-Politika Marittima Integrata; iqis ukoll li tkun aktar faċli l-implikazzjoni tal-għodod l-oħra tal-politika Ewropea, bħal dawk proposti mill-BEI; iqis li dawn l-istrateġiji itejbu l-koordinazzjoni tal-politiki Ewropej fil-livell transnazzjonali u interreġjonali;

4. Jirrakkomanda li l-istrateġiji makroreġjonali jkunu bbażati fuq il-governanza f'diversi livelli, filwaqt li jkun żgurat l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-akbar numru possibbli ta' sħab u ta' partijiet interessati, bħalma huma r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka, kemm fit-tfassil kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali sabiex tiżdied l-approprijazzjoni tagħhom fil-livell lokali u reġjonali;
5. Jenfasizza li l-makroreġjuni huma qafas favorevoli għall-involvement tal-atturi politiċi lokali kif ukoll tal-atturi mhux governattivi, peress li dawn ir-reġjuni jrawwmu l-iżvilupp ta' sistemi ta' koordinazzjoni effikaċi li jiffavorixxu l-approċċi minn isfel għal fuq, bil-għan li jiżguraw l-involvement ġenwin tas-soċjetà ċivili fit-teħid ta' deċżjonijiet politiċi, u l-ħolqien ta' sinerġija tal-inizjattivi eżistenti sabiex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jitlaqqgħu l-atturi involuti;
6. Iqis li l-istrateġija makroreġjonali tista' tagħmel il-politiki tal-viċinat u/jew ta' qabel l-adeżjoni tal-Unjoni aktar effettivi;

Dwar l-istrateġiji makroreġjonali attwali

7. Jilqa' l-evidenza li l-istrateġija makroreġjonali għall-Baħar Baltiku hi ta' benefiċċju kbir għall-Ewropa; l-istrateġija fasslet pjan ta' azzjoni bi prijoritajiet identifikati biċ-ċar, u hi approvata mill-Kunsill, appoġġata mill-Kummissjoni u kondiviża mill-partijiet konċernati nazzjonali, reġjonali u lokali kollha;
8. Jitlob li din l-istrateġija tkun is-suġġett ta' valutazzjoni kompluta abbażi ta' kriterji oġġettivi u ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għal kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' prijorità;
9. Iqis li huwa neċessarju, sabiex ikun żgurat is-suċċess sħiħ ta' din l-istrateġija, li tinżamm l-istruttura tal-governanza fuq medda ta' żmien twila, tiġi estiża biex tinkludi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, billi tiġi inkluża fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020;
10. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jappoġġjaw bis-sħiħ l-approċċ użat għall-baċir tad-Danubju li, wkoll għandu jiġi evalwat u monitorjat b'mod regolari;

Dwar l-istrateġiji makroreġjonali tal-futur

11. Jissuġġerixxi lill-Kummissjoni tikkoordina proċess ta' konsultazzjoni u djalogu għall-istrateġiji makroreġjonali tal-ġejjieni; iqis li għandhom jiġu identifikati l-oqsma ta' prijorità abbażi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni jew tal-ħtieġa li tiġi msaħħa l-kooperazzjoni eżistenti bejn it-territorji Ewropej li jappartjenu għal Stati Membri differenti, imma li jipparteċipaw fl-istess żona ta' servizzi u ħidma; iqis li dan id-djalogu għandu jwassal għal żvilupp ta' "karta proġettata tal-makroreġjuni Ewropej", fil-parti l-kbira mfassla mal-Istati Membri u r-reġjuni konċernati, li ma tkunx vinkolanti u li tkun tista' tinbidel skont id-dinamika lokali;
12. Hu tal-fehma li l-istrateġiji makroreġjonali jeħtieġu allinjament aħjar tal-finanzjament, użu aktar effiċjenti tar-riżorsi eżistenti u koordinazzjoni tal-istrumenti; iqis li, għalkemm

strateġiji bħal dawn ma jeħtiġux aktar finanzjament, strumenti istituzzjonali jew regolamentazzjoni, il-finanzjament għall-monitoraġġ tagħhom – fil-forma ta' approprjazzjonijiet ta' assistenza teknika u approprjazzjonijiet għall-evalwazzjoni preliminari u l-ġbir tad-data – u għal kull stabbiliment ta' negozju huwa ġustifikat, u li l-istrateġija makroreġjonali għandha tippromwovi proġetti strutturali, filwaqt li tqis il-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkunsidraw l-istrateġiji makroreġjonali tal-UE meta jiddeċiedu dwar pakketti baġitarji bħall-fondi ta' koeżjoni u l-fondi strutturali, ir-riċerka u l-iżvilupp, u b'mod partikolari l-kooperazzjoni reġjonali;
14. Jitlob għall-introduzzjoni ta' allokazżjoni vinkolanti tal-programmi operazzjonali sabiex jikkonċentraw fuq il-prijoritajiet tal-istrateġiji makroreġjonali biex jiżguraw l-aħjar koordinazzjoni possibbli tal-oġettivi u tal-mezzi;

Prospetti fil-Mediterran

15. Jappoġġja t-twaqqif ta' strateġija makroreġjonali għall-baċir tal-Mediterran biex jiġi offrut pjan ta' azzjoni ħalli jiġu indirizzati l-isfidi komuni u problematiċi li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi u r-reġjuni tal-Mediterran u sabiex tingħata struttura lil din iż-żona li hi kruċjali għall-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-Ewropa, u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr fuq dan il-kwistjoni;
16. Hu tal-fehma li strateġija makroreġjonali Mediterranja li tinvolvi lill-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet reġjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-NGOs tal-parti Ewropea tal-baċir tal-Mediterran u l-Unjoni għall-Mediterran, u li miftuħa għall-pajjiżi tal-viċinat u/jew pajjiżi fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni, tista' ttejjeb b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni territorjali f'din iż-żona f'termini politiċi u operattivi; jenfasizza l-importanza li jittieħed vantaġġ tal-esperjenza, ir-riżorsi eżistenti u l-kisbiet tal-organizzazzjonijiet reġjonali eżistenti;
17. Jenfasizza li makroreġjun Mediterranju jista' jiżgura li l-programmi differenti tal-UE dwar il-Mediterran jikkumplimentaw lil xulxin u li l-finanzjament eżistenti jintuża bl-iktar mod effiċjenti possibbli, u li jista' jġib miegħu valur reali miżjud għall-proġetti konkreti għall-Mediterran imwettqa mill-Unjoni u jinvolvi l-pajjiżi terzi u r-reġjuni relevanti meta jiddefinixxi l-istrateġija, billi juża l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija għal dan il-għan, dejjem b'konformità stretta mal-istat tad-dritt u fuq il-bażi tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-demokrazija, filwaqt li jippromwovi, fejn meħtieġ, il-prinċipju ta' 'iktar għal iktar';
18. Jenfasizza l-importanza tal-Mediterran bħala żona ta' kooperazzjoni diċentralizzata, li tmur lil hinn fruntieri ġeografiċi stretti, għat-tisħiħ tat-teħid ta' deċiżjonijiet transreġjonali u l-kondiviżjoni tal-prassi tajbin, fil-qasam b'mod partikolari tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt, tal-ekoloġija, tal-iżvilupp ekonomiku kif ukoll tas-sħubijiet kulturali, ta' riċerka, edukattivi, taż-żgħażaġh u tal-isport; jenfasizza l-importanza speċifika tal-edukazzjoni bħala katalist għat-tranżizzjoni demokratika;
19. Iqis li l-makroreġjun Mediterranju jrid jiżviluppa b'mod konformi mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, b'mod partikolari d-

Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;

20. Ihegġegħ lill-Kunsill isegwi l-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2011 u jqis ir-rieda li wrew it-territorji konċernati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fir-rigward tal-istrateġija makroreġjonali tal-Adrijatiku-Jonju, ir-rabtiet storiċi, it-tradizzjonijiet u l-inizjattivi meħuda, billi jadottaw din l-istrateġija fix-xhur li ġejjin, biex iwettqu l-ewwel pass lejn strateġija makroreġjonali Mediterranja;
21. Jenfasizza li l-istrateġija makroreġjonali Adrijatiku-Jonju tikkostitwixxi fatur sinifikanti ta' rikonċiljazzjoni bejn it-territorji tal-Balkani tal-Punent u tista' għalhekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fl-UE;
22. Jixtieq li fil-Punent tal-Mediterran u fil-Lvant tal-Mediterran jitfasslu wkoll strateġiji makroreġjonali li jgħaqqdu komponent marittimu importanti u li jikkunsidraw il-punti speċifiċi tal-bosta territorji tal-kosta u gżejjer tal-Mediterran u l-bżonnijiet għall-iżvilupp tagħhom; jemmen li strateġiji futuri bħal dawn għandhom jagħtu aktar kas għall-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità u t-turiżmu sostenibbli;
23. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta l-Artikolu 174 TFUE ġenwinament permezz ta' pjan strateġiku, bil-ħsieb li jingħelbu l-iżvantaġġi strutturali ta' territorji gżejjer u jkunu żgurati l-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku u koeżjoni soċjali u territorjali effettiva; jenfasizza li jeħtieġ tingħata attenzjoni partikolari lill-iżgurar tal-aċċessibilità sħiħa u l-kontinwità territorjali ta' dawn it-territorji mal-kontinent, permezz ta' finanzjament xieraq; ihegġegħ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tadotta miżuri, bħal żieda fl-ammont massimu tal-għajjnuna de minimis għall-gżejjer, b'referenza speċjali għall-agrikoltura, it-trasport u s-sajd, li jikkontribwixxu biex territorji gżejjer ikunu kompetittivi daqs it-territorji kontinentali sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-livelli differenti ta' żvilupp fost ir-reġjuni Ewropej u tkun żgurata l-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-suq uniku;
24. Jittama li l-Kummissjoni se tiegħu pożizzjoni pożittiva lejn id-dimensjoni insulari tal-istrateġija makroreġjonali Mediterranja, b'mod partikolari meta tqis l-għajjnuna statali li tikkostitwixxi kumpens leġittimu għall-iżvantaġġi tal-insularità u meta l-politika ta' koeżjoni u l-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-gżejjer biex tiżdied l-integrazzjoni tagħhom fl-Ewropa kontinentali;
25. Jenfasizza l-importanza tal-industriji kulturali u kreattiva bħala pilastru fundamentali għall-iżvilupp u l-ħolqien tal-impjiegi fir-reġjuni gżejjer;
26. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiddetermina liema strumenti huma meħtieġa għall-valutazzjoni u t-tneġġja ta' inizjattivi makroreġjonali ġodda fil-Mediterran tal-Punent u tal-Lvant, bħal pereżempju proġetti pilota;
27. Jenfasizza li l-oqsma ewlenin ta' intervent għal makroreġjun Mediterranju għandhom ikunu mmirati fuq il-livelli sottoreġjonali xierqa għall-kooperazzjoni fuq proġetti speċifiċi u għandhom jinkludu n-netwerks tal-enerġija, il-kooperazzjoni xjentifika u l-innovazzjoni, in-netwerks għall-kultura, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-turiżmu, il-kummerċ, il-ħarsien tal-ambjent, it-trasport marittimu sostenibbli, is-sigurtà u s-sikurezza marittima

u l-protezzjoni tal-ambjent marittimu kontra t-tniġġis, is-sajd żejjed u s-sajd illegali permezz tal-ħolqien ta' netwerk integrat ta' sistemi ta' rappurtar u sorveljanza għal attivitajiet marittimi, it-tiżni tal-governanza tajba u l-amministrazzjoni pubblika effettiva, sabiex jitrawwem il-ħolqien tal-impjiegi;

28. Iqis li l-koordinazzjoni ta' dawn it-tliet strateġiji makroreġjonali – il-Punent tal-Mediterran, ir-reġjun Adrijatiku-Jonjiku u l-Lvant tal-Mediterran – għandha tippermetti li titwettag politika globali għall-baċir kollu tal-Mediterran, f'sinerġija mal-prijoritajiet definiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, u b'mod partikolari dawk definiti mill-Unjoni għall-Mediterran, u l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki li jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE ta' tkabbir ekonomiku intelliġenti u sostenibbli;
29. Iqis li hija ħaġa importanti, speċjalment wara l-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija, li l-makroreġjun il-ġdid jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' strateġija ġdida ma' pajjiżi terzi għall-ġestjoni tajba tal-flussi tal-immigrazzjoni u għall-benefiċċji reċiproċi tal-mobilità miżjuda, imsejsa fuq il-ġlieda kontra l-faqar u t-trawwim tal-impjiegi u l-kummerċ ġust, biex b'hekk jingħata kontribut għall-istabbiltà tal-makroreġjun;
30. Iqis li minħabba li t-territorji Mediterranji tal-UE jikkondividu l-fruntieri tal-baħar u tal-art mal-Afrika ta' Fuq, strateġija makroreġjonali tista' tagħti spinta lid-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-Politika tal-Viċinat tal-UE, filwaqt li tittieħed dimensjoni reġjonali konkreta li tiggarrantixxi ġestjoni akbar tal-flussi migratorji u tħalli impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni tal-ekonomiji tal-pajjiżi kkonċernati;
31. Iqis li strateġija makroreġjonali fil-Mediterran għandha tikkoordina l-fondi Ewropej eżistenti, b'mod partikolari dawk tal-politika tal-viċinat, tal-politika ta' koeżjoni u tal-kooperazzjoni territorjali, sabiex jiġu implimentati proġetti intiżi biex jiffaċċaw sfidi komuni, bħall-ħarsien u l-iżvilupp tal-wirt kulturali Ewro-Mediterranju; ifakkar fl-importanza ta' politika tal-viċinat koordinata u bbilanjata għan-Nofsinhar u fl-eliġibbiltà tal-proġetti kulturali għall-finanzjamenti tal-FEŻR biex ikunu ffaċċati dawn l-isfidi;
32. Jenfasizza l-importanza ta' industriji kreattivi u kulturali u jqis li dan is-settur tal-ekonomija se jkollu rwol dejjem iktar importanti fit-tkabbir ekonomiku u l-impjeg fir-reġjun; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' skambju kulturali u akkademiċi, kif ukoll għat-tiżni tar-rabtiet kulturali u tat-turiżmu stabbli;
33. Jikkunsidra li t-turiżmu kulturali jista' jkollu impatt partikolari fuq ir-reġjun tal-Mediterran, kemm mill-perspettiva ekonomika u bħala fattur tal-għarfien reċiproku u l-ftehim interkulturali;
34. Jenfasizza li l-makroreġjun Mediterranju jiffavorixxi d-djalogu interkulturali u l-arrikkiment tal-wirt kulturali komuni tal-Unjoni Ewropea, jimobilizza s-soċjetà ċivili u, għalhekk, jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-popli Mediterranji fil-programmi kulturali u edukattivi tal-UE;

35. Ifakkar fir-rwol fundamentali li taqdi l-edukazzjoni fid-demokrazija u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, kif ukoll fl-importanza tat-taħriġ professjonali fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh;
36. Jenfasizza, fil-kuntest tal-makroreġjun Mediterranju u filwaqt li titqies il-motivazzjoni taż-żgħażaġh b'mod partikolari tal-pajjiżi tan-Nofsinhar, l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh permezz tal-promozzjoni ta' programmi Ewropej u permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji max-xogħol tal-Uffiċċju Mediterranju għaż-Żgħażaġħ;
37. Jenfasizza l-importanza tal-iffukar b'mod partikolari fuq iż-żagħżagħ għaliex huma se jkunu l-pedament ta' ġenerazzjoni ġdida u dawk li se jkollhom l-akbar influwenza fuq kif il-pajjiżi rispettivi tagħhom jiffaċċaw il-futur;
38. Jirrakomanda, sabiex jiġu promossi programmi ta' skambju, ir-riċerka dinamika, l-innovazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, il-ħolqien ta' netwerks ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għola u r-riċerka fil-makroreġjun Mediterranju futur u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-edukazzjoni f'dak ir-reġjun, kif ukoll it-tneħħija tal-ostakli għaċ-ċirkolazzjoni tal-istudenti, il-persuni li qed jitħarrġu, il-volontiera żgħażaġh, l-għalliema, min iħarreġ, ir-riċerkaturi u l-persunal amministrattiv; jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ il-kwalità tat-tagħlim u tar-riċerka f'dawk l-oqsma billi jiġu ffinanzjati u appoġġati b'mod xieraq il-programmi Tempus u Erasmus Mundus, speċjalment fid-dawl tan-numru baxx ta' benefiċċjarji tal-programm Erasmus Mundus fiż-żona Mediterranja;
39. Iqis li l-mobilità tal-artisti u tal-arti fiż-żona Ewro-Mediterranja hija mxekkla minn bosta ostakli li jvarjaw skont il-pajjiż u r-reġjun, u li huma marbuta mhux biss ma' diffikultajiet fil-kisba tal-viżi, iżda wkoll man-nuqqas ta' status li jħabbtu wiċċhom miegħu l-artisti u mal-kundizzjonijiet li jiffaċċaw bħala kreaturi ta' ħidmiet artistiċi, partikolarment fil-pajjiżi tan-Nofsinhar; iqis li makroreġjun Mediterranju jkun jista' jservi biex jippromwovi r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tal-artisti, joffri opportunitajiet biex issir riflessjoni dwar il-mobilità u jottimizza l-użu tal-programmi ta' taħriġ, tan-netwerking u tal-moviment liberu tal-atturi kulturali, tal-artisti u tax-xogħlijiet;
40. Jitlob li jiġi implimentat, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, programm standard 'Erasmus Ewro-Mediterranju' maħsub biex jinkoraġġixxi l-mobilità transnazzjonali tal-istudenti miż-żewġ naħat tal-Mediterran, kif ukoll programm 'Leonardo da Vinci Ewro-Mediterranju' għaż-żgħażaġh li jixtiequ jiksbu taħriġ professjonali barra mill-pajjiż fil-qafas ta' strateġija makroreġjonali;
41. Jenfasizza l-ħtieġa tal-adozzjoni ta' miżuri kontra t-tendenza li qed tikber ta' eżodu tal-imħuħ minn dan ir-reġjun;
42. Jitlob li jsir dak kollu possibbli bid-diversità storika, kulturali u lingwistika taż-żona Mediterranja, li hija sors ta' innovazzjoni li tagħti spinta lill-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll lis-settur tat-turiżmu; jitlob li l-kooperazzjoni bejn il-mużewijiet u l-istabbilimenti kulturali titħeġġeġ u tiġi appoġġata;
43. Ifakkar li fil-pajjiżi madwar il-Mediterran jeżisti interess partikolari fiċ-ċinema u fil-produzzjonijiet awdjoviżivi Ewropej, u li dan għad għandu influwenza importanti għad-

djalogu bejn il-kulturi taż-żona, bħala parti mill-istadju attwali tal-iżvilupp demokratiku ta' dawk is-soċjetajiet;

44. Jissuġġerixxi aktar kooperazzjoni u skambju mal-pajjiżi terzi, biex jitjieb il-valur tal-produzzjoni Ewropea fis-suq dinji, u partikolarment fiż-żona tal-Mediterran, u b'hekk ikunu promossi l-iskambju kulturali u t-tneđija ta' inizjattivi ġodda biex jitħeġġeġ id-djalogu Ewro-Mediterranju u l-progress demokratiku fir-reġjun kollu, partikolarment fid-dawl tal-impenni meħuda matul il-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar iċ-Ċinema;
45. Jistieden lill-Istati Membri involuti biex jinkoraġġixxu l-ispirtu ta' koperazzjoni li ħareġ matul l-abbozzar ta' dan ir-rapport preżenti u jħeġġeġ lill-Presidenza Ċiprijotta futura tal-UE biex tappoġġja dan il-proġett sabiex il-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jadottaw pjan ta' azzjoni għall-istrateġija makroreġjonali Mediterranja bħala kwistjoni ta' urġenza; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tal-kooperazzjoni intergovernattiva u interreġjonali fl-iżvilupp ta' strateġija makroreġjonali;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Kif tfaċċaw il-makroreġjuni

Il-makroreġjun tal-Baħar Baltiku, li tnedja fl-2009, jiġbor fih grupp koerenti ta' territorji bl-għan li jkun hemm kooperazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni aħjar għall-problemi ekonomiċi u ambjentali li hemm hemmhekk. Din il-kooperazzjoni ħadet l-għamla ta' "strateġija makroreġjonali", maħsuba biex tikkoordina l-kooperazzjonijiet settorjali estensivi eżistenti, u mfassla fuq erba' pilastri – l-ambjent, il-prosperità, l-aċċessibilità u s-sigurta – u fuq pjan ta' azzjoni li jippreżenta 15-il qasam prijoritarju u 80 proġett ewlieni.

Dan l-esperiment kien ta' ispirazzjoni għal proġetti oħrajn. Wieħed minnhom – il-makroreġjun tad-Danubju – għamel l-ewwel fit progress. Proġetti oħrajn huma previsti. L-istituzzjonijiet ikkonċernati, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali jikkonsultaw lil xulxin biex jistabbilixxu oqfsa simili f' makroreġjuni differenti tal-Ewropa li għandhom l-istess karatteristiċi: l-istess żona marittima, l-istess medda ta' muntanji, l-istess baċir tax-xmara, eċċ.

L-istrateġiji makroreġjonali joffru prospetti ġodda għall-proġetti ta' kooperazzjoni territorjali appoġġjati mill-politika ta' koeżjoni. Huma jistgħu jikkomplimentaw l-istrateġiji Komunitarji l-kbar bħan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport jew il-politika marittima integrata. Huma jistgħu jwasslu għal adegwatezza aħjar bejn il-programmi reġjonali u l-għanijiet tal-istrateġija 2020 tal-Parlament Ewropew.

2. Is-sitwazzjoni attwali u l-ewwel rispons

Il-kunċett ta' makroreġjun għaqad lill-atturi kkonċernati, u l-interess qawwi li jista' jiġi osservat juri li hemm aspettattiva reali biex dan il-qasam il-ġdid tal-politiki pubbliċi jiġi introdott fl-Ewropa, bl-għan li tiġi żviluppata bażi territorjali. Dan kollu jista' jiġi spjegat permezz ta' raġunijiet oġġettivi – l-interazzjoni bejn ir-reġjuni tal-istess viċinat, iżda hemm ukoll raġunijiet storiċi u kulturali għax dawn l-oqsma abitati tul iż-żmien ikkondividew storja. Dawn ir-rabtiet antiki, li għandhom jissaħħu, jew saħansitra, xi drabi għandhom jerġgħu jiġu stabbiliti, jiddefinixxu bażi ta' kooperazzjoni kondiviżi. Il-fatt li wieħed iżomm mal-kunċett ta' makroreġjun jagħti xhieda tal-progress tal-idea Ewropea.

Il-Kummissjoni kienet involuta fl-istabbiliment tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' April 2011 dwar il-makroreġjun tad-Danubju, il-Kunsill reġa' stieden lill-Kummissjoni biex "ikollha rwol ewlieni fil-koordinazzjoni strateġika". F' termini konkreti, il-governanza ta' tali arranġament hija kumplessa, u t-tmexxija tagħha teħtieġ assistenza teknika kbira. Id-DG Regio ma jistax, fl-istat attwali, jiġi involut iktar milli huwa diġà.

Ladarba jgħaddi l-effett li tħalli l-aħbar, ikun hemm riskju reali ta' mekkaniżmu kbir li dejjem jiekol mill-baġit u li ma jkunx effikaċi. Barra minn hekk, għet indikata regola, imsejħa r- "regola tat-tliet le": le għal mezzi finanzjarji ġodda, le għal strument istituzzjonali ġdid, le għal regolamentazzjoni ġdida. Dan l-obbligu ġie adattat mill-Kunsill li, fit-13 ta' April li

għadda, ippromwova r-“regola tat-tliet iva”: iva għall-komplimentarjetà tal-finanzjamenti, iva għall-koordinazzjoni tal-istrumenti istituzzjonali, iva għall-istabbiliment ta’ proġetti ġodda. Din id-dijalettika għandha l-għan, fil-fatt, li ssib il-bilanċ li jkun tajjeb li jiġi definit qabel ma jiġu adottati r-regolamenti tal-politika li jmiss tal-koeżjoni territorjali 2014-2020.

3. Il-vantaġġi tal-istrategġija makroreġjonali

Jekk nieħdu l-eżempju tal-Baħar Baltiku, naraw li tfaċċaw diversi potenzjalitajiet bis-saħħa tal-implimentazzjoni ta’ strategġiji makroreġjonali. Prinċipalment, hija kwistjoni li jkun hemm qafas ta’ referenza rilevanti għall-politiki ta’ koeżjoni u li tiġi aġevolata l-kooperazzjoni intersettorjali fl-istess żona abitata. Dan il-qafas jista’ jorjenta l-investimenti lejn kumplementarjetà ulterjuri u jaffettwa l-prijoritajiet rispettivi ta’ kull pjan reġjonali ta’ żvilupp tal-istess makroreġjun tal-Ewropa, u b’hekk iwassal għal ħarsa ġenerali u għal sinerġiji reali fil-qafas ta’ approċċ integrat.

Vantaġġ ieħor ta’ din l-istrategġija: hija tippermetti involviment ikbar u kooperazzjoni aħjar bejn id-diversi strumenti ta’ intervent li għandha l-Unjoni Ewropea, minbarra l-fondi allokat li lill-politika ta’ koeżjoni. Dan huwa b’mod partikolari l-każ għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Hija tippermetti wkoll li r-riżorsi tar-reġjuni u ta’ diversi Stati Membri jingħaqdu permezz ta’ governanza mifruxa fuq diversi livelli. Din hija strategġija li minnha tibbenefika kull parti interessata.

Fl-aħħar nett, l-istrategġija makroreġjonali toffri lill-politiki tal-viċinat tal-Unjoni qafas favorevoli għal dialoġu mġedded u għal relazzjonijiet konkreti u li jħallu l-frott.

4. Id-diffikultajiet li għad iridu jingħelbu

Kull strategġija makroreġjonali għandha dimensjoni doppja, dik territorjali abbażi tal-istabbiliment ta’ territorju rilevanti ta’ applikazzjoni u dik funzjonali permezz tal-istabbiliment ta’ prijoritajiet. L-adeżjoni tal-awtoritajiet ikkonċernati għandha sseħħ meta jitnieda tali approċċ. Dan kollu jwassal biex tiġi prevista fażi ta’ prefigurazzjoni, mifruxa bejn sena u sentejn, qabel ma makroreġjun ikun jista’ jinholq realment.

Il-funzjonament tal-makroreġjuni m’għandux jaqa’ fin-nassa ta’ governanza intergovernattiva, anki jekk in-natura transnazzjonali tiegħu timplika l-involviment tal-Istati Membri kkonċernati. Governanza mifruxa fuq diversi livelli biss, li timplika b’mod partikolari l-livell reġjonali, hija adattata biex tiggarantixxi l-għan Ewropew ta’ dawn l-approċċi u tiżgura l-komplimentarjetà mal-politika tal-iżvilupp reġjonali tal-Unjoni Ewropea.

Il-ħolqien permezz tal-“ġenerazzjoni spontanja” tal-makroreġjuni futuri ma jistax ikun mudell li jintuża fil-futur. Huwa jinvolvi natura imprevedibbli li tkun ta’ ħsara biex jiġu żviluppati approċċi koerenti. Għaldaqstant, il-ħolqien ta’ makroreġjun għandu jkun proċess minn isfel għal fuq li jibda mill-motivazzjoni reali tal-atturi tal-qiegħ.

L-involviment tar-reġjuni tal-viċinat huwa meħtieġ biex jiġu vvalidati diversi proġetti li jgħibu magħhom l-istrategġiji makroreġjonali. Dan l-involviment għandu jaqa’ taħt il-politiki territorjali u mhux taħt dimensjoni ta’ politika barranija.

5. Il-miżuri li għandhom jiġu kkunsidrati

L-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali għandu jkun konformi ma' riflessjoni globali li kapaċi tidentifika l-problemi tat-territorju, b'mod li jiġu evitati l-proġetti mhux stabbli jew marbuta ma' sempliċi kunsiderazzjonijiet politiċi immedjati. Għandha titħejja "mappa li tipprevedi l-makroreġjuni Ewropej", anki jekk din tibqa' mhux vinkolanti u tista' tinbidel skont id-dinamika lokali.

Għal kull makroreġjun hija meħtieġa fażi ta' prefigurazzjoni, li fiha jiġu organizzati sessjonijiet ta' laqgħat bejn is-sħab ikkonċernati, jiġu abbozzati l-ewwel assi strateġiċi u jiġu definiti wkoll il-bażijiet għal governanza fil-futur: jew inkella tinħatar komunità li tmexxi, jew REKT, jew governanza kolleġjali b'responsabilitajiet definiti sew u maqsuma bejn l-Istati differenti jew ir-reġjuni differenti, jew kwalunkwe metodu ieħor. F'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni hija l-awtorità naturali li tmexxi tali approċċ ta' prefigurazzjoni. Hija għandha toffri r-riżorsi meħtieġa, kemm umani kif ukoll finanzjarji, għal tali investment.

Il-mezzi finanzjarji ta' appoġġ għall-approċċ ta' kooperazzjoni makroreġjonali għandhom jiġu rilaxxati fi ħdan il-komponent ta' kooperazzjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni. Dan huwa konformi mar-rieda li jitkabbar il-livell ta' baġit b'mod għaqli, skont ix-xewqa li diġà esprima l-Parlament Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, xewqa li għet appoġġjata mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-ħames rapport dwar il-politika ta' koeżjoni li jindika "komponent transnazzjonali msaħħaħ".

Dan l-appoġġ finanzjarju jista' jieħu s-sura ta' fondi ta' assistenza teknika, kemm għall-fażi ta' prefigurazzjoni diskussa fi ħdan il-Kummissjoni stess, kif ukoll għall-fażi ta' implimentazzjoni diskussa fi ħdan l-awtorità ta' governanza li tibqa' kostanti sa tmiem il-fażi ta' prefigurazzjoni.

Għall-proġetti prijoritarji, bħalma sar fil-qafas tal-istrateġija għall-Baħar Baltiku, il-komplimentarjetà tal-finanzjamenti tista' tinkiseb billi l-kriterji tal-għażla jintrabtu mal-prijoritajiet tal-istrateġija makroreġjonali waqt is-sejħiet għall-proposti li jsiru fl-ambitu tal-programmi operazzjonali tal-politika ta' koeżjoni.

6. L-importanza ta' strateġija makroreġjonali fil-Mediterran

Il-baċir tal-Mediterran għandu l-istess ambjent naturali, u l-istess realtà storika u kulturali tgħaqqad il-kosti kollha tiegħu. Fin-Nofsinhar tal-Ewropa jeżistu potenzjalitajiet kbar li ma jistgħux jiġu żviluppati mingħajr il-koordinazzjoni u mingħajr il-ħarsa ġenerali li jistgħu jseħħu permezz tal-istabiliment ta' strateġija makroreġjonali.

Il-firxa tal-Mediterran hija kbira ħafna, fatt li jwassel biex wieħed jistaqsi liema arranġament makroreġjonali għandu jingħata prijorità. Fiċ-Ċentru tal-Mediterran, l-atturi jingħaqdu fi proġett ta' makroreġjun Adrijatiku-Jonju. Il-konsultazzjonijiet li saru waqt l-abbozzar ta' dan ir-rapport ixaqilbu lejn iż-żamma tal-tliet makroreġjuni distinti: wieħed fil-Mediterran tal-Punent, ieħor fil-Mediterran ċentrali — magħruf ukoll bħala l-makroreġjun Adrijatiku-Jonju — u t-tielet wieħed fil-Mediterran tal-Lvant, b'mekkaniżmu strutturat għall-koordinazzjoni bejniethom.

Minħabba l-klima tagħhom – il-“klima Mediterranja” – ir-reġjuni tal-Mediterran għandhom ekotipi simili. Il-prodotti agrikoli huma tal-istess tip f’kull naħa tal-Mediterran u, fid-diversità tagħhom, jiffurmaw l-istess varjetà ta’ prodotti. Il-problemi ambjentali (pereżempju n-nirien) huma l-istess kullimkien. Huwa fl-interess tat-territorji tal-Mediterran, li huma l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja, li jikkoperaw biex jtkomplew u jittejjbu l-prospetti ta’ dan is-settur ekonomiku ewlieni għall-biċċa l-kbira tagħhom.

Fost il-potenzjalitajiet, hemm il-ħtieġa li t-traffiku marittimu jitqiegħed fil-qalba ta’ strateġija tat-trasport fiż-żona kollha, b’mod partikolari għall-merkanzija. Għandhom jinfetħu diversi rotot tal-baħar li jkunu diversifikati. L-iżvilupp tal-enerġiji rinnovabbli, u b’mod iktar partikolari tal-enerġija solari, fil-Mediterran għandu kundizzjonijiet ideali. Għal dawn l-għanijiet, l-istrateġija makroreġjonali tista’ toffri risposti adattati, u tinvolvi sħab bħall-BEI.

Il-bijodiversità Mediterranja hija partikolarment abbundanti ; din hija wkoll mhedda ħafna. Is-sajd eċċessiv huwa theddida għar-riżorsi tas-sajd tal-Mediterran. Il-Baħar Mediterran huwa baħar magħluq, li jesperjenza traffiku marittimu kbir, u li mal-kosti tiegħu t-tkabbir demografiku huwa wieħed mill-iktar b’saħħtu, fenomenu li jiżdied ħafna minħabba l-ammont kbir ta’ turisti li jżuru l-post. Barra minn hekk, l-ambjent kostali u marittimu huwa tħassib ewlieni għal din iż-żona kollha kemm hi. Politika kkoordinata tat-trattament tar-rimi ta’ skart fil-baħar, b’kooperazzjoni ġeneralizzata “Tramuntana-Nofsinhar” bejn l-awtoritajiet lokali, għandha tiġi ffavorita, bl-appoġġ tal-politiki tal-viceinat.

Għall-2020, u anki wara, il-Mediterran jirrappreżenta “l-orizzont tal-viceinat” prinċipali għall-Ewropa, minħabba l-500 miljun abitant li jgħixu hemm, li terz minnhom bilkemm jinsabu fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Dinamika ta’ żvilupp madwar il-Mediterran tista’ tkun forza motriċi għall-ekonomija Ewropea kollha.

Fi ħdan l-UE, iż-żona Mediterranja hija strutturata ftit wisq. Hemmhekk wieħed jista’ josserva prestazzjonijiet baxxi ħafna f’termini ta’ kooperazzjoni u ta’ interkonnessjoni. L-awtoritajiet politiċi tal-Mediterran jistgħu jidħlu aħjar għall-isfidi li għandhom jaffrontaw fil-qafas ta’ riflessjoni u ta’ pjan ġenerali.

Barra mill-UE, il-popolazzjonijiet li joqogħdu madwar il-Mediterran għandhom standards ta’ għajxien iddegradati ħafna, fil-livelli kollha: f’dak ekonomiku, soċjali, ekoloġiku u politiku. L-iżvilupp ta’ dawn is-soċjetajiet huwa ħtieġa għalihom stess, u opportunità għall-Ewropa. Kieku, din tal-aħħar, tipprovdi sikurezza ikbar, kontroll iktar “sostenibbli” tal-flussi tal-immigrazzjoni u l-parteciġipazzjoni diretta għal żona ta’ tkabbir li jkollha impatt pożittiv fuq il-prestazzjonijiet tal-ekonomija tagħha stess. Barra minn hekk, l-avvenimenti tar-rebbiegħa li għaddiet li seħħew mal-kosta tan-Nofsinhar tal-Mediterran huma ta’ inkoraġġiment kbir sabiex jinħolqu politiki attivi ġodda tal-viceinat. Jekk dawn il-politiki jintrabtu, għall-inqas parzjalment, ma’ strateġija makroreġjonali, ikunu jistgħu jassumu dimensjoni territorjali konkreta, u dan huwa garanzija ta’ effikaċja aħjar.

L-Istati u r-reġjuni Ewropej tal-Mediterran għandhom jibdedw approċċ imsaħħaħ ta’ koperazzjoni, u għandhom jifthuh għas-sħab kollha ta’ din iż-żona essenzjali għall-ġejjieni tal-Ewropa. L-istrateġija makroreġjonali hija mezz li għandu jingħata prijorità biex jintlaħaq dan l-għan.

19.3.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-evoluzzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali tal-UE: prassi attwali u prospettivi futuri, b'mod partikolari fil-Mediterran (2011/2179(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nikolaos Salavrakos

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-kunċett ta' strategġija makroreġjonali, li, fuq il-bażi tal-esperjenza li nkisbet fir-makroreġjuni eżistenti, tista' tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' sinerġiji u politiki koordinati bejn l-UE, l-Istati Membri kkonċernati, il-kandidati u l-pajjiżi mhux fl-UE, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, billi ssawwar it-tkabbir sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi, is-sigurtà u l-protezzjoni tal-ambjent billi tiżviluppa proġetti ta' kooperazzjoni territorjali f'żoni li għandhom karatteristiċi ġeografiċi, storiċi u kulturali simili biex jiġu indirizzati sfidi komuni identifikat permezz ta' proċess axxendenti, filwaqt li jiġi evitat proċess kif ġie ġie u tiġi evitata l-inkoerenza; jitlob ukoll li jkun hemm aktar effetti ta' sinerġija bejn l-istrategġiji makroreġjonali differenti;
2. Jitlob li tinstab soluzzjoni ta' finanzjament aktar fit-tul għall-istrategġiji makroreġjonali, fil-qafas tal-baġit tal-UE, sabiex jiġu ffinanzjati azzjonijiet mhux koperti mill-Politika ta' Koeżjoni, pereżempju il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi; jinnota li l-esperjenza mill-istrategġija tal-Baħar Baltiku turi, barra minn hekk, il-ħtieġa għal "fondi inizjali" għall-ippjanar u t-tnejn tal-proġetti li jappoġġjaw l-istrategġija;
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkunsidraw l-istrategġiji makroreġjonali tal-UE meta jiddeċiedu dwar pakketti baġitarji bħal fondi ta' koeżjoni u strutturali, ir-riċerka u l-iżvilupp, u b'mod partikolari l-kooperazzjoni reġjonali; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jevalwaw jekk l-istrategġiji makroreġjonali għandhomx bżonn finanzjament dirett biex tiġi garantita implementazzjoni b'suċċess;

4. Jenfasizza, fid-dawl ta' bosta sfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-reġjuni kollha madwar il-Baħar Mediterran bħala element maġġuri tal-wirt tagħhom, l-interess li jinħoloq makroreġjun għall-Mediterran kollu, sew fil-forma sħiħa tiegħu jew fil-forma ta' sottoreġjuni koerenti bħall-inizjattivi emerġenti tal-Jonju Adrijatiku sabiex jiġu indirizzati dawk l-oqsma ewlenin fejn is-sinerġiji, is-sħubijiet u l-kooperazzjoni reġjonali għandhom jissaħħu sabiex jinħoloq tkabbir sostenibbli fir-reġjun tal-Mediterran;
5. Jenfasizza li l-istrateġija makroreġjonali Jonju Adrijatiku tikkostitwixxi fattur sinifikanti ta' rikonċiljazzjoni bejn it-territorji tal-Balkani tal-Punent u tista', għalhekk, tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fl-UE;
6. Jemmen li, sabiex tiġi implimentata strateġija makroreġjonali għall-Mediterran, hu neċessarju li wieħed jibni fuq l-esperjenza u l-ħidmiet tal-istituzzjonijiet reġjonali eżistenti u li jitfittxu sinerġiji possibbli magħhom, partikolarment, barra l-UgħM, il-Bank Ewropew għall-Investment u l-ARLEM;
7. Jenfasizza li makroreġjun Mediterranju jista' jiżgura li l-programmi differenti tal-UE dwar il-Mediterran jikkumplimentaw lil xulxin u li l-finanzjament eżistenti jintuża bl-iktar mod effiċjenti possibli, u li jista' jgħib miegħu valur reali miżjud għall-proġetti konkreti għall-Mediterran imwettqa mill-Unjoni u jinvolvi l-pajjiżi terzi u r-reġjuni rilevanti meta jiddefinixxi l-istrateġija, billi juża l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija għal dan il-għan, dejjem b'konformità stretta mal-istat tad-dritt u fuq il-bażi tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u d-demokrazija, filwaqt li jippromwovi, fejn meħtieġ, il-prinċipju ta' 'iktar għal iktar';
8. Jenfasizza li l-oqsma ewlenin ta' intervent għal makroreġjun Mediterranju għandhom ikunu mmirati lejli il-livelli sottoreġjonali xierqa għall-kooperazzjoni fuq proġetti speċifiċi u għandhom jinkludu n-netwerks tal-enerġija, il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni xjentifiċi, in-netwerks għall-kultura, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-turiżmu, il-kummerċ, il-ħarsien tal-ambjent, it-trasport marittimu sostenibbli, is-sikurezza u s-sigurtà marittima u l-protezzjoni tal-ambjent marittimu kontra t-tniġġis, is-sajd żejjed u dak illegali permezz tal-ħolqien ta' netwerk integrat ta' sistemi ta' rappurtar u ta' sorveljanza għal attivitajiet marittimi, it-tisħiħ tal-governanza tajba u l-amministrazzjoni pubblika effettiva, sabiex jitrawwem il-ħolqien tal-impjiegi;
9. Iqis li hija ħaġa importanti, speċjalment wara l-avvenimenti fir-Rebbiegħa Għarbija, li l-makroreġjun il-ġdid jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' strateġija ġdida ma' pajjiżi terzi għall-ġestjoni tajba tal-flussi tal-immigrazzjoni u għall-benefiċċji reċiproċi tal-mobilità miżjuda, billi jindirizzaha permezz ta' strateġija flimkien ma' pajjiżi terzi għall-ġlieda kontra l-faqar u jitrawwem l-impjiegi u l-kummerċ ġust, biex b'hekk isir kontribut għall-istabbiltà tal-makroreġjun;
10. Jitlob biex tali strateġija tkun tinkludi, bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha, l-iżvilupp tal-kummerċ min-Nofsinhar għan-Nofsinhar, il-ħolqien ta' swieq reġjonali u t-tnaqqis ta' tariffi u ostakoli kummerċjali bejn il-pajjiżi fir-reġjun.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.3.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 58 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sir Robert Atkins, Bastiaan Belder, Frieda Brepoels, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Charles Tannock, Inese Vaidere, Kristian Vigenin, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiene, Véronique De Keyser, Barbara Lochbihler, Monica Luisa Macovei, Carmen Romero López, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Hannes Swoboda, Indrek Tarand, Ivo Vajgl
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Philippe Boulland

2.3.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali

dwar l-evoluzzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali tal-UE: prassi attwali u prospettivi futuri, b'mod partikolari fil-Mediterran (2011/2179(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Malika Benarab-Attou

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li l-makroreġjuni, bħala baċiri tal-ħajja kkaratterizzati minn storja u memorja kollettiva, ġeografija, kultura u klima, jikkostitwixxu qafas ta' referenza xieraq għad-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-programmi u tal-fondi Ewropej u, f'dan il-kuntest, jirrikonoxxi li x-xatt tan-Nofsinhar tal-Mediterran għaddej minn żviluppi bla preċedenti, li l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġa permezz ta' inizjattivi ġodda;
2. Iqis li strategġija makroreġjonali fil-Mediterran għandha tikkoordina l-fondi Ewropej eżistenti, b'mod partikolari dawk tal-politika tal-viceinat, tal-politika ta' koeżjoni u tal-kooperazzjoni territorjali, sabiex jiġu implimentati proġetti intiżi biex jiffaċċaw sfidi komuni, bħall-ħarsien u l-iżvilupp tal-wirt kulturali Ewro-Mediterranju; ifakkar fl-importanza ta' politika tal-viceinat koordinata u bbilanċjata għan-Nofsinhar u fl-eliġibbiltà tal-proġetti kulturali għall-finanzjamenti tal-FEŻR biex ikunu ffaċċati dawn l-isfidi;
3. Jenfasizza li l-makroreġjuni huma qafas favorevoli għall-involviment tal-atturi politiċi territorjali kif ukoll tal-atturi mhux governattivi, peress li dawn jiżviluppaw sistemi effikaċi ta' koordinazzjoni li jiffavorixxu l-approċċi axxendenti bil-għan li jiżguraw l-involviment bis-sens tas-soċjetà ċivili fit-teħid ta' deżjonijiet politiċi u l-ħolqien ta' sinerġija tal-inizjattivi eżistenti sabiex jiġu ottimizzati r-riżorsi u jitlaqqgħu l-atturi involuti;
4. Jinkoraġġixxi l-proġett ta' makroreġjun Adrijatiku-Jonju, żona maħluqa biex tgħaqqad l-

Istati Membri u pajjiżi mhux Ewropej fl-istess realtà ekonomika, storika u kulturali;

5. Jinnota li l-makroreġjun Mediterranju, fis-sens ta' ċivilizzazzjoni u l-istorja umana, huwa ħafna iktar wiesa' minn dak li jimplika s-sens ġeografiku strett u jista' jinkludi l-pajjiżi fil-kosta tal-Atlantiku, bħall-Portugall u l-Marokk, u freġjuni oħra, bħaż-żona tal-Baħar l-Iswed;
6. Jenfasizza l-importanza tal-Mediterran bħala żona ta' kooperazzjoni diċentralizzata, li tmur lil hinn fruntieri ġeografiċi stretti, għat-tishiĥ tat-teħid ta' deċiżjonijiet transreġjonali u l-kondiviżjoni tal-prassi tajbin, fil-qasam b'mod partikolari tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt, tal-ekoloġija, tal-iżvilupp ekonomiku kif ukoll tas-sħubijiet kulturali, ta' riċerka, edukattivi, taż-żgħażaġħ u tal-isport; jenfasizza l-importanza speċifika tal-edukazzjoni bħala katalist għat-tranżizzjoni demokratika;
7. Iqis li l-makroreġjun Mediterranju jrid jiżviluppa b'mod konformi mal-laġiżlazzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;
8. Jenfasizza l-importanza ta' industriji kreattivi u kulturali u jqis li dan is-settur tal-ekonomija se jkollu rwol dejjem iktar importanti fit-tkabbir ekonomiku u l-impjieġ fir-reġjun; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' skambju kulturali u akkademiċi, kif ukoll għat-tishiĥ tar-rabtiet kulturali u tat-turiżmu stabbli;
9. Iqis li t-turiżmu kulturali jista' jkollu impatt partikolari fuq ir-reġjun tal-Mediterran, kemm mill-perspettiva ekonomika kif ukoll bħala fattur tal-għarfien reċiproku u l-ftehim interkulturali;
10. Jenfasizza li l-makroreġjun Mediterranju jiffavorixxi d-djalogu interkulturali u l-arrikkiment tal-wirt kulturali komuni tal-Unjoni Ewropea, jimmobilizza s-soċjetà ċivili u, għalhekk, jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-popli Mediterranji fil-programmi kulturali u edukattivi tal-UE;
11. Ifakkar fir-rwol fundamentali li taqdi l-edukazzjoni fid-demokrazija u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, kif ukoll fl-importanza tat-taħriġ professjonali fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġħ;
12. Jenfasizza, fil-kuntest tal-makroreġjun Mediterranju u filwaqt li titqies il-motivazzjoni taż-żgħażaġħ b'mod partikolari tal-pajjiżi tan-Nofsinhar, l-importanza tat-tishiĥ tal-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġħ permezz tal-promozzjoni ta' programmi Ewropej u permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji max-xogħol tal-Uffiċċju Mediterranju għaż-Żgħażaġħ;
13. Jenfasizza l-importanza tal-iffukar b'mod partikolari fuq iż-żagħżagħ għaliex huma se jkunu l-pedament ta' ġenerazzjoni ġdida u dawk li se jkollhom l-akbar influwenza fuq kif il-pajjiżi rispettivi tagħhom se jiffaċċaw il-futur;
14. Jenfasizza li l-kooperazzjoni fid-dominju awdjoviżiv jista' jkollha rwol importanti fit-trażmissjoni ta' valuri demokratiċi fil-pajjiżi kollha tal-makroreġjun;

15. Jirrakomanda, sabiex jiġu promossi programmi ta' skambju, ir-riċerka dinamika, l-innovazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, il-ħolqien ta' networks ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għola u r-riċerka fil-makroreġjun Mediterranju futur u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-edukazzjoni f'dak ir-reġjun, kif ukoll it-tneħħija tal-ostakli għaċ-ċirkolazzjoni tal-istudenti, il-persuni li qed jitħarrġu, il-volontiera żgħażaġh, l-għalliema, min iħarreġ, ir-riċerkaturi u l-persunal amministrattiv; jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ il-kwalità tat-tagħlim u tar-riċerka f'dawk l-oqsma billi jiġu ffinanzjati u appoġġati b'mod xieraq il-programmi Tempus u Erasmus Mundus, speċjalment fid-dawl tan-numru baxx ta' benefiċċjarji tal-programm Erasmus Mundus fiż-żona Mediterranja;
16. Iqis li l-mobilità tal-artisti u tal-arti fiż-żona Ewro Mediterranju hija mxekkla minn bosta ostakli li jvarjaw skont il-pajjiż u r-reġjun, u li huma marbuta mhux biss ma' diffikultajiet fil-kisba tal-viżi, iżda wkoll man-nuqqas ta' status li jħabbtu wiċċhom miegħu l-artisti u mal-kundizzjonijiet li jiffaċċaw bħala kreaturi ta' ħidmiet artistiki, partikolarment fil-pajjiżi tan-Nofsinhar; iqis li makroreġjun Mediterranju jkun jista' jservi biex jippromwovi r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tal-artisti, joffri opportunitajiet biex issir riflessjoni dwar il-mobilità u jottimizza l-użu tal-programmi ta' taħriġ, tan-netwerking u tal-moviment liberu tal-atturi kulturali, tal-artisti u tax-xogħlijiet;
17. Jitlob li jiġi implimentat, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, programm standard 'Erasmus Ewro-Mediterranju' maħsub biex jinkoraġġixxi l-mobilità transnazzjonali tal-istudenti miż-żewġ naħat tal-Mediterran, kif ukoll programm 'Leonardo da Vinci Ewro-Mediterranju' għaż-żgħażaġh li jixtiequ jiksbu taħriġ professjonali barra mill-pajjiż fil-qafas ta' strateġija makroreġjonali;
18. Jenfasizza l-ħtieġa tal-adozzjoni ta' miżuri kontra t-tendenza li qed tikber lejn 'l-eżodu tal-imħuħ' minn dan ir-reġjun;
19. Jitlob li jsir dak kollu possibbli bid-diversità storika, kulturali u lingwistika taż-żona Mediterranja, li hija sors ta' innovazzjoni li jipprovdi impetu għall-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll għas-settur tat-turiżmu; jitlob li l-kooperazzjoni bejn il-mużewijiet u l-istabbilimenti kulturali titħeġġeġ u tiġi appoġġata;
20. Ifakkar li fil-pajjiżi madwar il-Mediterran hemm interess partikolari fiċ-ċinema u l-produzzjonijiet awdjoviżivi Ewropej, u li dan għad għandu influwenza importanti għad-djalogu bejn il-kulturi taż-żona, bħala parti mill-istadju attwali tal-iżvilupp demokratiku ta' dawk is-soċjetajiet;
21. Jissuġġerixxi aktar kooperazzjoni u skambju mal-pajjiżi terzi, biex jitjieb il-valur tal-produzzjoni Ewropea fis-suq dinji, u partikolarment fiż-żona tal-Mediterran, u b'hekk ikunu promossi l-iskambju kulturali u t-tnedija ta' inizjattivi ġodda biex jitħeġġeġ id-djalogu Ewro-Mediterranju u l-progress demokratiku fir-reġjun kollu, partikolarment fid-dawl tal-impenji meħuda matul il-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar iċ-ċinema.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	29.2.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neved'alová, Gianni Pittella, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tökés, Helga Trüpel, Gianni Vattimo, Marie-Christine Vergiat, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Heinz K. Becker, Seán Kelly, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou, Olga Sehnalová, Rui Tavares
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Miguel Angel Martínez Martínez

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Catherine Bearder, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Ryszard Czarnecki, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jan Olbrycht, Markus Pieper, Monika Smolková, Ewald Stadler, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonello Antinoro, Pat the Cope Gallagher, Jens Geier, Lena Kolarska-Bobińska, James Nicholson, Ivari Padar, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter, Czesław Adam Siekierski, Patrice Tirolien